## ĦAL LUQA

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## It-TMIEN KUNSILL

**SEDUTA NRU. 43**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa , nhar it-Tlieta 13 ta' Frar 2023, fil-5.30p.m.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

**Uffiċċjali Preżenti**: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Apoloġiji**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Viċi Sindku Kaeron Bruno u l-Kunsillier Andrew Cassar talbu li jkunu skużati.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 42**

**Is- Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 42, u talab emenda kif ġej:

Fil-paragrafu relatat mal-Performance Appraisal jiddaħħal dan li ġej;

Is-Sindku ppropona li minn issa sa sitt xhur oħra, l-impjegat se jingħata l-opportunita' li tirregolarizza n-nuqqasijiet imsemmija u jekk ikun hemm progress tingħata l-1% performance bonus. F'każ li ma jsirx progress, il-Kunsill ikun kostrett li jaċċetta r-rakkomandazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, jiġifieri dik li tingħata 4% performance bonus.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

**Il-Kunsillier Maria Magri** ssekondat l-Minuti kif emendati.

Il-Minuti għal Seduta Nru 42 ġew approvati b'mod unanimu.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**2.1 Is-Sindku John Schembri** nfurma li nbeda x-xogħol fuq il-finishing tal-letrina fi Triq Dun Pawl, fejn saret site inspection mill-Perit tal-Kunsill u rrakkomanda li jsir kontrabejt tas-soqfa u b'hekk ikun possibli li jinbeda x-xogħol fuq ġewwa.

**2.2 Is-Sindku John Schembri** nfurma li saret laqgħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar fondi miġbura miż-Żurrieq Joint Committee, li ilhom friżati aktar minn għaxar (10) snin. Is-Sindku nfurma li fil-kontijiet tal-bank hemm madwar € 43,000. Minħabba l-fatt li ma sarux Financial Statements, il-Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw parti minn dan il-kumitat konġunt m'għandhom l-ebda record kemm huwa dovut li jieħdu u hu għalhekk li d-Dipartiment ippropona li l-ammont eżistenti jitqassam b'mod ugawli bejn kulħadd.

Il-Kunsill approva din il-proposta u l-membri preżenti ffirmaw dikjarazzjoni uffiċjali.

2.3 **Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat Stima għal xogħlijiet fuq il-cables eżistenti fit-tieni sular tal-binja tal-Kunsill. Din l-istima tammonta għal € 924. Il-Kunsill approva b'mod unanimu din l-istima.

2.4 Is-Sindku John Schembri nfurma li kellu laqgħa mac-Chief Executive Officer ta' Projects Green dwar il-proġett li kellu jiġi mplimentat minn Ambjent Malta fiz-zona ta' Ħal Farruġ. Il-Kunsill ġie aċċertat li se jkun qed jinħareġ it-tender fil-ġimgħat li ġejjin.

2.5 Is-Sindku nfurma li qed jinħadem it-tender sabiex jinbidel ir-rubberflooring tal-bandli f'Misraħ iż-Żgħażagħ.

Is-Sindku nfurma li qed jinħadem it-tender document relatat mal-proġett f'Ħal Farruġ.

Is-Sindku John Schembri nfurma li qed jinħadem it-tender document tal-Knis fit-toroq.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li ntbagħtet Direct Order Request sabiex ikun possibli li l-Kunsill jixtri van elettriku, wara li nħarġu żewġ sejħiet għall-offerti u ma kellu l-ebda offerta**.**

**3 Ħwejjeġ Oħra**

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ġibed l-attenzjoni li fi Triq Indri Micallef mhux qed jinġabar l-iskart, liema skart ilu aktar minn 15-il ġurnata fit-triq.

**4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

## 5 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata.

Minuti ġew approvati llum, l-______________________________.

________________________
John Schembri
Sindku

________________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv